**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Marzu 2021**

**Rik. Gur. Nru: 2/2019 JPG**

**Kawza Numru : 45**

**SF**

**Vs**

**U b'digriet tas-17 ta' Jannar 2019, gew nominati Dr Leontine Calleja u PL Helen Valenzia bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' SF, datat 3 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*A) DIKJARAZZJONI TAL-FATTI*

*1) Illi l-attrici u MS izzewgu fit-8 ta' Novembru, 2002 fir-Registru Pubbliku, Il-Belt, Valletta (Dok. 'A');*

*2) Illi l-hajja konjugali qatt ma sehhet bejniethom stante li l-konvenut telaqha ftit hin wara z-zwieg;*

*3) Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 9 ta' Novembru 2018 (Dok. 'B');*

*4) Illi m'hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi z-zwieg*

*qatt ma sehh u r-rikorrenti ilha ma tara lill-konvenut mit-8 ta' Novembru 2002;*

*5) Illi dawn il-fatti, kif hawn dikjarati, huma a diretta konoxenza tal-esponenti;*

*B) RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI*

*6) Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi.*

*C) TALBIET ATTRICI*

*Ghaldaqstant l-esponenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut jghid ghaliex:*

*1) M'ghandiex tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn SF u MS minhabba li mhux talli z-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment, izda li in realta' z-zwieg taghhom qatt ma sehh.*

*2) M'ghandux jigi pronunzjat li l-partijiet iddekadew reciprokament milli jircievu dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-Ligi;*

*3) M'ghandhomx jigu applikati l-effetti tad-dispozizzjonjiet tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta in toto jew in parte kontra l-konvenut u favur l-attrici u ghalhekk tiddikjara illi l-konvenut, b'effett mid-data stabbilta minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut rrenda ruhu hati tal-firda, iddekada minn sehemu fil-komunjoni tal-akkwisti; tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni bi hsieb ta' zwieg jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratwitu, minn ghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilha, kif ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tal-attrici, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici u tiddikjara inoltre illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;*

*4) M'ghandiex din il-Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-*

*partijiet u tillikwida l-beni in komuni bejniethom okkorrendo b'opera ta' perit nominand, u tenut kont tat-talba precedenti, tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-komunjoini tal-akkwisti, f'ishma illi mhux necessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet stante li l-intimat ma jitqiesx intitolat ghall-akkwisti maghmulin bix-xoghol tar-rikorrenti, u billi jigi nominat nutar sabiex jirceivi l-att relativ u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*5) Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-Sentenza ta' dina l-Qorti fir-registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni - kontra l-intimat, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr Leontine Calleja u PL Helen Valenzia datata 28 ta’ Mejju 2019, a fol 16 li taqra hekk:

1. *Illi f’dan l-istadju l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;*

2. *Illi hija l-attrici li ghandha l-pi tal-prova u cjoe illi trid tkum l-attrici li permez tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qieghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati;*

3. *Illi l-esponenti jitolbu minn issa li jinghataw l-indirizz postali jew dik elettronika u/jew numru tat-telefon halli l-esponenti jkunu jistghu jaghmlu kuntatt mal-assenti minnhom raprezzentanti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat ir-rikors guramentat ta' SF, datat 3 ta' Frar 2020, li permezz tieghu:

> *"... l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-kawza ta' separazzjoni sabiex bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Att fuq id-Divorzju tholl iz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi."*

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr Leontine Calleja u PL Helen Valenzia datata 24 ta' Frar 2020, a fol 30 li permezz tieghu:

> *"... jirrimettu ruhhom ghal salv gudizzju tal-Onorabbli Qorti."*

Rat l-affidavits bil-gurament;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza *in parte* taghha moghtija nhar l-24 ta' Frar 2021 li permezz taghha laqghet it-talba tal-attrici u ordnat li mat-talba ghas-separazzjoni issir ukoll talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F(3) tal-Kodici Civili.

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit a fol 21 et seq** tal-process, fejn spjegat illi s-sena 2002 kienet wahda kerha ghaliha, u dana stante li f'dak iz-zmien kienet ghaddejja minn problema ta' droga. Izid illi kien propju waqt li hija kienet taht l- influwenza tad-droga meta habiba taghha fthemet maghha biex tiltaqa' mal-intimat fit-8 ta' Novembru fir-Registru Pubbliku. Tixhed illi dakinhar hija kienet marret ma' habib taghha certu Simon Pace, li llum huwa mejjet u kien qaghad bhala xhud. Tirrileva illi kien propju dakinhar li hija rat lill-intimat ghall-ewwel darba u li l-intimat ukoll kien gie flimkien ma' ragel iehor, bniedem li hija qatt ma kienet rat u li sal-lum il-gurnata ma tafx min kien dan il-bniedem li qaghad bhala x-xhud l-iehor.

Wara li zzewgu gewwa r-Registru Pubbliku, tispjega li kulhadd telaq ghar-rasu u cioe hija

marret lura lejn-id dar t'ommha u fejn mar l-intimat, hija ma tafx. L-unika kuntatt li kellha mal-intimat kien meta kien jinfurmaha li ghandhom bzonn jidhru quddiem l- Ufficju tal-Immigrazzjoni u kien jikkunttatjaha permezz tal-*mobile* ghal dan il-ghan. Tirrileva illi marru l-Ufficju tal-Immigrazzjoni xi tlett darbiet sabiex huwa jipprova jikseb ic-cittadinanza, pero' peress li huma ma kienux jafu lil xulxin u ma kinux qed jghixu flimkien u lanqas jiltaqghu, qatt ma qablu fir-risposti li kienu jaghtu u ghalhekk l-intimat qatt ma ha c-cittadinanza Maltija.

Bejn 2002 u 2010 tixhed illi hija kienet qeghda tidhol u tohrog mill-programmi ta' rijabilitazzjoni kemm f'San Blas u kif ukoll l-Oasi, izda qatt ma rnexxilha tibqa' ghal program shih. Izzid illi fl-2010 irnexxilha taghmel program kollu u minn dakinhar l'hawn m'ghadiex iktar bil-problema tad-droga. Illum il-gurnata hija m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar fejn jinstab l-intimat u l-ahhar darba li ratu kien fl-Ufficju tal-Immigrazzjoni f'xi 2005.

L-attrici ssostni li hi u l-intimat qatt ma ghexu flimkien u qatt ma kkunsmaw iz-zwieg taghhom u qatt ma akkwistaw propjeta' flimkien u lanqas qatt ma kellhom kont bankarju flimkien. Izzid illi hija propjetarja ta' karozza tal-ghamla Mazda Demio u li erba' snin ilhu bdiet relazzjoni stabbli ma' certu Paul Joseph Demicoli u li flimkien ghandhom tifel. Ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs, ilha f' impjieg *full time* ma' l-Appogg bhala *service area leader.*

**L-attrici in kontro-ezami,**[1] tixhed illi l-ahhar darba li kellha kuntatt mal-intimat kien qabel ma dahlet program u cioe bejn wiehed u iehor fis-sena 2010. Izid illi kienu tkellmu habba c-cittadinanza u l-unika kuntatt li huma kellhom kien bejn it-2002 u 2010 u dejjem minhabba c-cittadinanza. Tikkonferma illi hija ma tafx x'sar minnu l-intimat u ma tafx fejn qieghed. Mitluba kuntatt telefoniku, tispjega illi hija m'ghandiex mezzi ta' komunikazzjoni mieghu, fil-passat kellha l-facebook tieghu izda dan il-kunttat m'ghandux fis-sehh. Tixhed illi meta hija lestiet il-program, il-hajja taghha wara inbidlet. Tikkonferma illi l-ewwel darba li iltaqghat mal-intimat kien dakinhar li zzewwgu u li huma qatt ma kellhom kuntatt fiziku.

**DF omm l-attrici, permezz ta' affidavit a fol 24** tixhed illi fis-sena 2002 bintha kienet ghaddejja minn zmien difficli u li dak iz-zmien hi ma kinitx taf li bintha kienet izzewget, u li infatti qaltilha b'dan kollu snin wara. Tispjega illi dak iz-zmien l-attrici dejjem baqghat tghix maghha d-dar, u cioe kemm qabel u anke wara iz-zwieg mal-intimat. Izzid illi hi qatt ma iltaqghat mal-intimat u ratu biss darba mill-boghod meta kien ghaddej bil-karozza tieghu u bintha kienet indikatulha. Tixhed illi m'hemm l-ebda propjeta' in komuni bejn bintha u l-

[1] Vide xhieda 27 ta' Jannar 2021

intimat. Tirrileva illi kemm ilhu li bintha ghamlet il-program inbidlet, u llum ghandha xoghol bhal *service area leader* mal-Appogg u relazzjoni stabbli ma' Paul Demicoli, li llum jghixu flimkien u ghandhom tifel u fil-futur jixtiequ jizzewgu.

**PD il-partner tal-attrici, permezz ta'affidavit a fol 25 et seq** xehed illi ilu jaf lill-attrici ghal dawn l-ahhar sitt snin u cioe mis-sena 2013. Jispjega illi issa ilhom f'relazzjoni stabbli ghal dawn l-ahhar erba snin u li hu qatt ma ra lill-intimat. Filfatt l-attrici kienet spjegatlu fil-bidu tar-relazzjoni taghhom li hija kienet ghaddiet minn zmien ikrah fis-sena 2002 u li kienet spiccat mizzewga mal-intimat. Izid illi sa fejn jaf hu, l-attrici qatt ma xtrat propjeta u li hi u l-intimat qatt ma ppossjedu assi in komuni. Jirrileva illi dawn l-ahhar tlett snin, hu u l-attrici qeghdin jghixu fir-residenza tieghu gewwa l-Imtarfa u li binhom twieled fl-1 ta' Settembru 2018. Jixhed illi l-attrici trid li tiehu s-separazzjoni u divorzju biex huma jkunu jistghu jizzewgu.

**L-Ispettur Karl Roberts**[2] xehed illi l-intimat l-ahhar li hareg minn Malta kien fis- 26 ta' Novembru 2011 fuq *flight number* MS 554 ghal Cairo u li ma regax gie lura. Izid illi *residence permit* Malti m'ghandux u ma kienx applika u mhux meqjus bhala persuna ezenti.

**Philip Azzopardi *Coordinator* mir-*Reporting Unit Identity Malta***[3] xehed illi ma sabu l-ebda numru abbinat mal-isem tal-intimat fin-National Identity Management System (NIDIMS). Jispjega illi din is-sistema hija xi haga holistika bejn id- dipartimenti kollha ta' *Identity Malta.* Fir-rigward ta' passaport, jixhed illi ma kienx inhareg passaport lill-intimat u dan ikkonfermah ukoll il-*Head tal-Unit* tal-Passaporti. Izid illi filfatt lanqas ghandhom *records* tal-intimat, u lanqas mhu fuq is-sistema taghna. Jixhed illi l-unika informazzjoni li telghet mis-sistema hija li l-intimat kien izzewweg u fuq ic-certifikat taz-zwieg ukoll m'hemmx *I.D card number*. Hemm biss li l-attrici u l-intimat kienu mizzewgin mis-sena 2002.

Mill-verifiki li ghamel mal-Ufficcju tal-Passaporti, u minn fejn johrog ic-CDP, irrizulta li hemm id-dettalji tal-identity card tal-attrici bl- 'M' u d-data ta' meta zzewgu, imma d-dettalji relatati mal-intimat huma biss ismu, il-generu 'Male' u d-data taz-zwieg. Jikkonferma li fuq ic-certifikat taz-zwieg, l-I.D. Card number tieghu mhux imnizzel, imma hemm isem il-genituri. Jispjega illi l-*Immigration* m'ghandhomx x'jaqsmu mal-*Identity Malta* u li jista' jkun li l-Immigration ikollha dawn id-dettalji. Ix-xhud, mistoqsi fuq jekk ikun hemmx il-bzonn li tigi prezentata karta tal-identita fl-eventwalita' li l-intimat fetah kont tad-dawl jissopponi illi biex jinfetah kont bankarju jew ghall-fini ta' registrazzjoni ta' karozza mal-awtoritajiet rispettivi, ikun hemm

[2] Vide xhieda 13 t'Ottubru 2020.
[3] Vide xhieda 7 ta' Jannar 2021.

bzonn li tigi prezentata xi tip ta' identifikazzjoni.

**Stephen Baldacchino[4] in rapprezentanza tal BNF Bank, Johanna Bartolo[5] in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, Dorianne Farrugia[6] in rapprezentanza tal-Lombard Bank , Lorraine Attard[7] in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, u Gabriella Marmara in rapprezentanza tal-APS Bank,** xehdu illi saru ricerki bl-isem u bin-numru tal-passaport tal-intimat u ma sabu ebda akkonti bankarji.

**Karen Cremona[8] in rapprezentanza ta' Transport Malta,** tispjega illi fuq il-passaport bin-numru 2206014 m'hemm l-ebda karozzi registrati. Izda fuq il-passaport bin-nurmu 1621508 li jappartjeni lil MS, kien hemm vettura tal-ghamla Ford Fiesta ta' kulur blu li kienet registrata f'ismu mill-21 ta' Dicembru 2014 u illum il-gurnata hija *scrapped.*

**L-Ispettur Karl Roberts[9]** riprodott nhar il- 8 ta'Jannar 2021 spjega illi minn *travellers history report* jidher li l-passaport li bih siefer l-intimat mhuwiex qieghed ghandhom, izda qieghed fil-kustodja tal-intimat. Izid illi huma la ghandhom I.D. card u lanqas il-passaport. Illi pero' rrizulta illi d-dettalji li huma ghandhom tal-intimat huma ezatt bhal dak li hemm indikat fil-passaport Egizjan bin-numru 1621508 u cioe EMAM. Ix-xhud permezz tat-travellers history report ikkonferma illi l-ahhar darba li hareg minn Malta kien fis-26 ta' Novembru tas-sena 2011 u mar l-Egittu permezz tat-titjira MS-554. Mistoqsi dwar kemm dam Malta l-intimat, jispjega illi l-ewwel darba li gie Malta kien gie minn pajjiz Shengen u ghalhekk ma jkollhomx din l-informazzjoni.

L-ewwel record ta' moviment li ghandhom huwa li l-intimat telaq minn Malta fl-20 ta'Frar 2005 u rega gie Malta fis-16 ta'Mejju 2005,sussegwentement rega telaq minn Malta fis-17 ta'Lulju 2009 u rega gie fl- 10 ta'Jannar 2010, bl-ahhar darba li telaq minn Malta kien fis- 26 ta'Novembru 2011. Illi hemmhekk kienet hargitlu alert ghaliex kien ecceda z-zmien tieghu f'Malta, liema alert kien validu sas-sena 2014, peress li dan ikun validu ghal tlett snin u issa ma jistax jidhol go l-ebda pajjiz Schengen. Jikkonferma illi fl-2014 l-alert skada. Izid illi jekk l-intimat gie lura Malta minn pajjiz iehor Schengen, majhalli ebda tracca fuq is-sistema.

---

[4] Vide xhiedha 18 ta' Jannar 2021.
[5] Vide xhiedha 18 ta' Jannar 2021.
[6] Vide xhieda 18 ta' Jannar 2021.
[7] Vide xhieda 18 ta' Jannar 2021.
[8] Vide xhieda18 ta' Jannar 2021.
[9] Vide xhieda datata 8 ta'Jannar 2021

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat tal-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta li jipprovdi kif segwenti:

***... jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:***

***Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien matkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisserirremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ,u iżda wkoll, il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuniminkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu*ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.***

Rat ukoll l-artikolu 48 u l-artikolu 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta:

***48.(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u827;***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illijkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekkakkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributib'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, litagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu lijitnissel miż-żwieġ.***

***(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħujmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu(ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsaratal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra***

***jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.***

***51.Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.***

Il-Qorti rat ukoll l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Permezz ta' rikors datat 3 ta' Frar 2020 *a fol 45 et seq*, ir-rikorrenti pprevalixxit ruhha mill-kawza ta' separazzjoni odjerna sabiex titlob ukoll il-hall taz-zwieg. Din il-Qorti permezz tas-sentenza *in*

*parte* taghha moghtija nhar l-24 ta' Frar 2021 *a fol 81 et seq* laqghet it-talba tal-attrici u ordnat li mat-talba ghas-separazzjoni issir ukoll talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F(3) tal-Kodici Civili.

Il-Qorti tosserva illi c-cirkostanzi li fih gie kontrattat dan iz-zwieg huma kemm xejn partikolari, stante li jidher li l-vulnerabbilita' tal-attrici giet sfruttata bl-ghan li l-intimat jipprova jikseb cittadinanza Maltija. Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta'Novembru 2002 fir-Registru Pubbliku ta' Malta u z-zwieg taghhom huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 1958/2002 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4.* Il-Qorti tosserva illi l-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenut peress illi il-kuraturi deputati ma rrnexxilhomx jintraccawh u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw mieghu u jressqu xi provi.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta illi minkejja li gie kontrattat zwieg bejn il-partijiet, qatt ma kien hajja konjugali bejniethom. Kif xehdet l-attrici, hija iltaqghet mal-intimat ghall-ewwel darba ftit mumenti qabel ma zzewwgu gewwa r-Registru Pubbliku stess u kif tikkonferma l-attrici stess *ex admissis* hija kienet taht l-effett tad-drogi fil-mument li gie celebrat iz-zwieg bejn il-partijiet. Xehdet ukoll illi l-unika kuntatt li qatt kien hemm bejniethom kien limitat ghal telefonati da parti tal-intimat sabiex hija tattendi ghall-appuntamenti mal-Ufficju tal-Immigrazzjoni, u tissottoponi lilha nnfisha ghal intervisiti minn ufficjali tal-ufficju in kwistjoni.

Ulterjorment, mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta li apparti l-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu ta' mizzewgin kif diga ssottolineat iktar qabel, l-ahhar kuntatt bejn il-partijiet kien fis-sena 2010 u dana qabel ma l-attrici dahlet ghar-programm ta'rijabilitazzjoni. Illi mix-xhieda tal-Ispettur Karl Roberts jirrizulta wkoll illi l-ahhar darba li l-intimat telaq minn Malta biex mar f'pajjiz barra z-zona Schengen kien fis- 26 ta' Novembru 2011, meta effettivament kien ecceda z-zmien tieghu f'Malta.

Illi llum il-gurnata l-attrici ghandha hajja gdida u tinsab f'relazzjoni stabbli ma' terza persuna ma' min ghandha wild, u rrinunzjat ghal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut minghand l-intimat.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan iz-zwieg kien biss messa in xena bl-ghan li l-intimat jipprova jikseb cittadinanza Maltija permess maz-zwieg tieghu mal-attrici, b'dana illi qatt ma kien hemm hajja konjugali bejn il-partijiet u filfatt kif tixhed l-omm l-attrici stess, hija lanqas biss intebhet li binta kienet zzewget stante li

hija dejjem baqghet tghix maghha u li saret taf biss b'dan kollu wara xi zmien.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta li apparti l-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu ta'mizzewgin, u li l-intimat ormai telaq minn Malta, l-ahhar kuntatt bejn il-partijiet kien fis-sena 2010 u dana qabel ma l-attrici dahlet ghar-program ta'rijabilitazzjoni. Illi llum il-gurnata l-attrici ghandha hajja gdida u tinsab f'relazzjoni stabbli ma'terza persuna ma' min ghandha wild, u rrinunzjat ghal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut minghand l-intimat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija moralment konvinta li jezistu r-rekwiziti necessarji sabiex din il-Qorti tippronunzja s-separzzjoni personali u kif ukoll r-rekwiziti indikati fl-artikolu 66B tal-Kap 16 sabiex jigi ordnat il-hall taz-zwieg tal-kontendenti.

*Komunjoni tal-Akkwisti:*

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi in atti jirrizulta ghalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet, ma hemm l-ebda assi in komunjoni u li l-partijiet ma ghandhom l-ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward fil-konfront ta' xulxin, u jirrinunzjaw ghal kwalsiasi dritt jew dmir naxxenti mill-istitut taz-zwieg. In *ogni caso* din il-Qorti jidhrilha illi kwalunkwe facilitajiet bankarji mehuda mill-partijiet qabel iz-zwieg ghandhom ikunu a karigu assolut ta' dik il-parti li tkun hadithom, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti minnhom qed jigu dikjarati bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun il-kont bankarju.

Ulterjorment, stante li l-attrici ma addebitat l-ebda kawzali ohra kontra l-konvenut bhala htija ghat-tifrik taz-zwieg, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, u 51 sa 55 ma japplikawx.

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi**:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser rremedjabilment u tqis illi jikkonkorru r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul, ghalhekk tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 66A (4) tal-Kapitolu 16 javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi zmien moghti mill-ligi, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 1958/2002;**

2. **Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara li l-partijiet qeghdin jiddekadaw minn kull dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin;**

3. **Tichad it-tielet talba stante li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, u 51 sa 55 ma japplikawx.**

4. **Tilqa' r-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna illi kwalunkwe kont bankarju, vettura jew assi ohra tal-kontendenti jibqghu jappartjenu f'isem minn ikunu intestati. Tordna nnotifika ta' dan lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici ai termini tal-ligi;**

5. **Tilqa' il-hames talba u tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-Sentenza ta' dina l-Qorti fir-registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**